MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 427/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Louis Grixti**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Lulju 2009, Awwissu 2009 u Settembru 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Roseanne Grixti w/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi, thassaraha w tirrevokaha w kwindi minnha tillibera lill-appellant skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija w piena w tirriformaha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti w tinfliggi piena aktar idoneja w anqas harxa w li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :-
Illi l-appellant mhux qieghed f’possibilita’ ragjonevoli illi jhallas fil-pront l-ammonti kif rikjesti, izda huwa qatt ma cahad jew irrifjuta illi jhallas l-istess ammonti kif ordnat jaghmel mill-Qorti tal-Familja;
Illi, waqt il-mori tal-kawza, l-kwerelanta naqset kif inhi rikjesta milli tipproduci kopja legali tad-digriet imsemmi fejn l-appellant huwa obbligat ihallas l-ammonti ta’ manteniment, izda, minghajr pregudizzju huwa ser jottempora ruhu hekk u malli jkun possibbli ghalih jghaddi l-flus rimanendi lil martu. Fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, gew prodotti ricevuti bil-firma tal-kwerelanta fejn jindikaw kif hija accettat hlasijiet msemmija aktar qabel.
Illi li kieku kellha tidhol fis-sehh is-sentenza tal-Ewwel Qorti, cioe’ dik ta’ gimghatejn detenzjoni, ikun certament sanzjoni krudili w dan meta wiehed iqies ic-cirkostanzi kollha li fihom jinsab l-appellant wara l-incident li kellu w il-invalidita’ li segwit.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi skond il-kopja legali tad-Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tas-26 ta' Marzu, 2009, li bih l-appellant gie ordnat li jhallas lill-martu is-somma ta' mija tlieta w sittin Ewro (€163) kull xahar bhala manteniment ghall-uliedu minuri.

Illi rrizulta mix-xiehda ta' Roseanne Grixti li tul il-periodu tax-xhur ta' Lulju, Awwissu w Settembru, 2009, l-appellant naqas milli jivversa dan il-manteiment lilu hekk ordnat.

Pero' llum stess seduta stante l-appellant hallas l-ammont kollu dovut "at the 11th hour".

Illi l-ewwel aggravju hu li l-appellant mhux qieghed f' possibilita' ragjonevoli li jhallas fil-pront l-ammonti in kwistjoni.

Illi dato u koncesso li l-appellant veru kellu incident awtomobilistiku w li per konsegwenza ta' dan tilef l-impieg tieghu, kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija. vs. Anthony Saliba"** [15.7.1998], il-fatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet. (ara ukoll f' dan is-sens App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri**" [18.9.2002] u ohrajn)

Fi kliem iehor, sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-

Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja w r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) w tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tal-istess Qrati, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha .

Illi umbaghad, apparti li din il-Qorti mhux sodisfatta li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond id-Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-periodu in kwistjoni, tant li llum hallas l-ammont dovut, kif isostni ANTOLISEI fil-"Manuale di Diritto Penale" {Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989 , p.376.}, l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani hi li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza. (ara: App. Krim**. "Il-Pulizija vs. Kang Se Il"** [ 28.7.94] per V. De Gaetano J.) .

Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta' natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta' kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta' reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f' certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena, fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda jew addirittura dik ta' twiddiba w canfira, apparti xi wahda mill-provvedimenti applikabbli skond il-Kap.446.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda id-dikjarazzjoni ta' htija l-appell hu infondat u qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur dejjem jibqa' li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament wahda esagerata fic-cirkostanzi. Certament li dan mhux il-kaz fejn il-massimu tal-piena – u dan bla z-zieda diskrezzjonali bi grad jew tnejn ghar-reat kontinwat - hija dik ta' xaharejn detenzjoni.

Pero', f' dan il-kaz irrizulta li fil-mori tal-appell l-appellant hallas l-ammont minnu dovut mertu ta' din il-kawza.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Publius Said"** [9.7.2003] l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont in kwistjoni fuq imsemmi w ghalhekk din il-Qorti thoss li, in vista ta' dan l-izvilupp pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' gimghatejn detenzjoni w minnflok tikkundannah ghal hamsa w ghoxrin Ewro (€25) ammenda, li, jekk ma jithallsux illum stess jigu konvertiti fi tlett (3) ijiem detenzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------